



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5582/21

COLAC 5
CFSP/PESC 48

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 5299 2021	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Venezwela (25 ta' Jannar 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Venezwela, kif adottati mill-Kunsill Affarjiet Barranin fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Jannar 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Venezwela

1. L-Unjoni Ewropea (UE) tfakkar fil-Konklużjonijiet tagħha ta' Lulju 2016, ta' Mejju u Novembru 2017 u ta' Mejju 2018, u d-dikjarazzjonijiet preċedenti tal-UE dwar il-Venezwela, b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE fis-7 ta' Diċembru 2020 u fis-6 ta' Jannar 2021.
2. L-UE jiddispjaċiha ħafna li l-elezzjonijiet leġislattivi tas-6 ta' Diċembru 2020 kienu opportunità mitlufa għad-demokrazija, li saru mingħajr qbil nazzjonali dwar il-kondizzjonijiet elettorali u naqsu milli jikkonformaw mal-istandards internazzjonali għal proċess demokratiku. B'konsegwenza ta' dan, l-UE ma tistax tirrikonoxxi dan il-proċess elettorali bħala kredibbli, inklużiv jew trasparenti, u għalhekk l-eżitu tiegħu ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv tar-rieda demokratika tal-poplu Venezwelan. L-UE jiddispjaċiha ħafna dwar l-azzjonijiet tal-awtoritajiet ta' Maduro, li naqqsu b'mod sinifikanti l-ispazju demokratiku fil-pajjiż u pprevenew b'mod persistenti r-riżoluzzjoni tal-kriżi politika profonda fil-Venezwela.
3. L-UE ttenni l-appoġġ tagħha għal dawk kollha li jaħdmu lejn futur demokratiku għall-Venezwela. L-UE ttenni l-appelli tagħha għall-garanzija tad-drittijiet politiċi u ċivili kollha, għall-ħelsien immedjat u mingħajr kondizzjonijiet tal-priġunieri politiċi kollha u għal-libertà u s-sikurezza tal-avversarji politiċi kollha, b'mod partikolari r-rappreżentanti tal-partiti tal-oppożizzjoni eletti fl-Assemblea Nazzjonali tal-2015, u speċjalment Juan Guaidó, kif ukoll rappreżentanti oħra tal-oppożizzjoni demokratika. L-UE tqishom bħala atturi importanti u interlokuturi privileġġati u tħeġġeġ lill-oppożizzjoni demokratika biex tiegħu pożizzjoni unifikata bil-ħsieb ta' proċess inklużiv ta' dialogu u negozjar.

4. L-uniku mod kif il-Venezwela toħroġ mill-kriżi huwa li jissoktaw in-negozjati politiċi minnufih u li jiġi stabbilit b'mod urġenti proċess ta' dialogu u tranżizzjoni mmexxi mill-Venezwelani li jwassal għal elezzjonijiet lokali, leġiżlattivi u presidenzjali kredibbli, inklużivi u trasparenti. Sabiex dan il-proċess ta' negozjar jirnexxi, irid ikun inklużiv, billi jinvolvi rappreżentanti tal-awtoritajiet u tal-oppożizzjoni demokratika, kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Ser ikunu meħtieġa kompromessi diffiċli jekk il-Venezwela trid twettaq tranżizzjoni b'suċċess lejn id-demokrazija u l-istabbiltà. F'dan l-istadju diffiċli, il-mexxejja Venezwelani kollha jeħtieġ li jagħtu prijorità lill-interessi tal-poplu Venezwelan. L-UE tinsab lesta li tappoġġa tali proċess inklużiv, inkluż permezz ta' missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali.
5. Id-drittijiet tal-bniedem iridu jiġu rispettati. Ma jista' jkun hemm l-ebda soluzzjoni għall-kriżi politika fil-Venezwela jekk iċ-ċittadini tagħha jibżgħu li jiġu arrestati u ppersegwitati, inkluż il-familji tagħhom, talli jeżerċitaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom. L-UE ser tkun partikolarment viġilanti fir-rigward ta' kwalunkwe att ta' repressjoni, b'mod partikolari kontra membri tal-oppożizzjoni, rappreżentanti tal-media indipendenti u tas-soċjetà ċivili. L-UE tissottolinja l-appoġġ tagħha għall-ħidma tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Missjoni Indipendenti tan-NU għall-ġbir ta' informazzjoni. Dawk responsabbli għal eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, għajbien sfurzat, detenzjonijiet arbitrarji u tortura jridu jinżammu responsabbli u atti ulterjuri ta' din in-natura jridu jiġu pprevenuti.
6. Fid-dawl tas-sitwazzjoni li qed tiddeterjora tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija fil-Venezwela, l-UE tinsab lesta li tadotta miżuri restrittivi mmirati addizzjonali kontra dawk li jdgħajfu d-demokrazija jew l-istat tad-dritt u dawk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn il-miżuri huma mfassla biex ma jagħmlux ħsara lill-popolazzjoni Venezwelana u jistgħu jiġu annullati.

7. L-UE tibqa' mħassba ħafna dwar l-emerġenza umanitarja dejjem aktar iddisprata fil-Venezwela, aggravata mill-impatt tal-COVID-19, li jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod urġenti. Dan jinkludi aċċess sħiħ u mingħajr xkiel kemm għall-persunal u l-provvisti umanitarji kif ukoll għall-istabbiliment tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-atturi umanitarji, b'mod partikolari l-NGOs, biex iwettqu l-ħidma tagħhom mingħajr intimidazzjonijiet, f'konformità sħiħa mal-prinċipji umanitarji ta' newtralità, imparzjalità u indipendenza. Fid-dawl tas-severità u l-entità tal-ħtiġijiet, l-UE ser tkompli tappoġġa lill-popolazzjoni Venezwelana billi tassisti fit-tisħiħ tan-nisġa soċjali tagħha u tappoġġa lill-partijiet ikkonċernati umanitarji u tal-iżvilupp internazzjonali u lokali. L-UE tapprezza r-reżiljenza u l-ġenerożità kontinwi tal-komunitajiet ospitanti fir-reġjun, u ser tkompli tappoġġa l-inklużjoni soċjoekonomika tal-Venezwelani f'dawn il-komunitajiet. Filwaqt li tissottolinja li l-ħtiġijiet umanitarji immedjati jridu jiġu indirizzati, l-UE tqis li l-uniku approċċ fit-tul biex jiġu indirizzati dawn il-ħtiġijiet huwa permezz ta' soluzzjoni politika għall-kriżi attwali.
8. L-UE ser tkompli timpenja ruħha u taħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha fil-Venezwela biex trawwem djalogu paċifiku u soluzzjoni demokratika u sostenibbli għall-kriżijiet fil-Venezwela. Għal dak il-għan, l-UE ser tkompli taħdem ukoll f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali tagħha li jaħsbuha bl-istess mod, b'mod partikolari permezz tal-Grupp ta' Kuntatt Internazzjonali dwar il-Venezwela. L-UE ser tkompli tikkoordina wkoll mal-Grupp ta' Lima u l-Amministrazzjoni tal-Istati Uniti u ser tkompli l-isforzi ta' komunikazzjoni tagħha ma' atturi internazzjonali u reġjonali oħra.
-